



OPINJONI NRU 03/2009

TAL-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

tas-7 ta' Diċembru 2009

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

'Ċertifikati tat-tip ristretti u ċertifikati ristretti tal-ajrunavigabbiltà'

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni huwa li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003¹ u l-Anness għaliha (minn hawn iżjed 'il quddiem Parti 21) billi tinkludi rekwiżiti elaborati u mtejba għall-ħruġ ta' ċertifikati tat-tip ristretti (R-TC) u ċertifikat ristretti tal-ajrunavigabbiltà (R-CoA).
2. L-opinjoni ġiet adottata, wara l-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni (l-Aġenzija)², skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008³ (minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala r-Regolament Bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. Avviż ta' Emenda Proposta (NPA) 2008-06⁴ li kien fih l-abbozz ta' opinjoni għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ġie ppubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fl-10 ta' April 2008.
4. Sad-data tal-għeluq tal-10 ta' Lulju 2008, l-Aġenzija kienet irċeviet 120 kumment mingħand 24 awtorità nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u kumpaniji privati.
5. Kull min bagħat kumment ġie mgħarraf li l-kumment/i tiegħu wasal/waslu u l-kummenti kollha ġew inkorporati f'Dokument ta' Tweġibiet għall-Kummenti (Comment Response Document - CRD), li ġie ppubblikat fil-websajt tal-Aġenzija fil-21 ta' Awwissu 2009. Dan is-CRD fih lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha li bagħtu kummenti u t-tweġibiet tal-Aġenzija.
6. L-intenzjoni prinċipali tal-NPA 2008-06 kienet li ssir elaborazzjoni u li jsir titjib għar-rekwiżiti għall-ħruġ ta' R-TCs u R-CoAs. L-NPA jiddeskrivi l-każijiet kollha meta jista' jinħareġ R-CoA. Dan jinkludi każijiet li għalihom, fil-passat reċenti, inħarġu permessi permanenti għat-tajran skont il-Parti 21A.701(15). Din l-għażla fil-Parti 21 tqieset bħala miżura tranżitorja sakemm ir-regoli għall-R-CoA jiġu mtejba b'tali mod li jkun jistgħu jiġu applikati għal din il-kategorija ta' ajruplani. Għaldaqstant, l-NPA ħaseb li jwaqqaf id-dispożizzjoni tal-Parti 21A.701(15).
7. Saru bosta kummenti avversi fuq it-tneħħija tal-għażla tal-permess għat-tajran ta' 21A.701(15) mill-komunità ta' sidien ta' ajruplani li bħalissa qegħdin itiru fuq permess permanenti għat-tajran u wkoll mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali.
8. L-Aġenzija tagħraf li l-impatt tal-miżura proposta ma jistax jiġi vvalutat b'mod sħiħ mingħajr ma jkun hemm ir-riżultati finali tal-NPA 2008-07 disponibbli ("proċess tal-ELA"; "Tibdiliet u Tiswijiet Standard" u "Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għal Ajruplani Ffief tal-Isport") u li t-tneħħija tal-għażla ta' permess permanenti għat-tajran tista' twassal sabiex ajruplan ma jkunx jista' jtir.

¹ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6).

² Deċizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija rigward il-proċedura li trid tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ ta' Opinjonijiet, Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet u Materjal ta' Gwida (Proċedura ta' Regolamentazzjoni). EASA MB 08-2007, 13.06.2007.

³ **Regolament (KE) Nru 216/2008** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (ĠU L 79, tad-19.03.2008, pg. 1)

⁴ Ara l-Arkivji tar-Regolamentazzjoni fuq http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php

Għaldaqstant, l-Aġenzija ddeċidiet li tirtira minn dan l-NPA, it-tibdiliet proposti għall-paragrafi 21A.701, 21A.703, 21A.719, 21A.723, 21B.325 u t-tibdiliet relatati fl-AMC u fil-GM għall-Parti-21.

9. Minkejja dan t'hawn fuq, l-Aġenzija tibqa' tal-opinjoni li l-permess għat-tajran mhux iċ-ċertifikat ix-xieraq ta' ajrunavigabbiltà għal ajruplan li jaħdem b'mod permanenti f'bażikament l-istess konfigurazzjoni u ċirkostanzi kif spjegat fin-nota ta' spjega għall-NPA.
10. Għaldaqstant, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tagħti bidu għal biċċa xogħol ġdida ta' regolazzjoni għar-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà inizjali u kontinwi u għaċ-ċertifikati xierqa għall-ajruplan ikkonċernat. Biċċa xogħol ta' regolazzjoni bħal din tista' tikkunsidra bix-xieraq is-sitwazzjoni regolatorja ġdida wara l-implimentazzjoni ta' NPA 2008-07 u tal-problemi partikolari tal-ajruplani li bħalissa qegħdin joperaw fuq permess għat-tajran permanenti.
11. Bħala tweġiba għal kummenti oħrajn, l-Aġenzija ntroduċiet dispożizzjonijiet ġodda fl-abbozz ta' emenda li jippermettu trasferiment faċli ta' ajruplan minn CoA normali għal R-CoA fil-każ li t-tip isir 'orfni'. Madankollu, dan ma jsovvix il-problemi ta' ajrunavigabbiltà kontinwa kif deskritti minn bosta minn dawk li pprovdew kummenti, bħad-disponibbiltà ta' spare-parts iċċertifikati bix-xieraq.
12. Id-deċiżjonijiet t'hawn fuq ġew riflessi kollha fis-CRD li ġiet ippubblikata flimkien mat-testi tar-regoli li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni tal-kummenti.
13. Sat-8 ta' Ġunju 2009, waslu erba' reazzjonijiet minn tliet kummentaturi għas-CRD. Ebda reazzjoni minn dawn ma wasslet lill-Aġenzija sabiex tagħmel tibdiliet addizzjonali fil-proposti tagħha.

III. Kontenut tal-Opinjoni tal-Aġenzija

14. Din l-opinjoni tipproponi li temenda l-Parti 21, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-ħruġ ta' R-TCs u R-CoAs. Il-kunċett ta' R-CoA huwa inkorporat fir-Regolament Bażiku għall-indirizzar ta' ajruplani li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha applikabbli ta' ajrunavigabbiltà iżda li għalihom, madankollu, ma tistax tiġi żgurata sigurtà adegwata permezz ta' restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u miżuri ta' taffija oħrajn. Dan il-kunċett huwa nkluż ukoll fil-Parti 21, iżda minħabba n-nuqqas ta' ħin, ma ġie żviluppat ebda sett dettaljat u komprensiv ta' rekwiżiti u AMC/GM. Fl-istess ħin, l-R-CoA jintuża għall-indirizzar ta' ajruplani li għalihom ma hemmx aktar detenturi attivi taċ-ċertifikat tat-tip (TC) u għal ajruplani li jaqgħu fi ħdan l-iskop tal-Aġenzija li jkunu (għadhom) ma rċevewx TC tal-Aġenzija. Il-prattika żviluppata għal dawn l-ajruplani teħtieġ li tiġi kkodifikata fil-Parti-21.
15. Ir-regola attwali diġà tiddekrivi żewġ modi kif tista' tinkiseb R-CoA. Dawn huma definiti u elaborati aktar f'din l-opinjoni:
 - *R-CoA ibbażat fuq R-TC:*
Dan huwa maħsub għal ajruplan li ma jistax jikkonforma mar-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà applikabbli kollha minħabba li huma mfasslin speċifikament għal għan speċjali bħal sprejjar tal-kultivazzjonijiet, kontroll tat-temp, eċċ.
 - *R-CoA ibbażat fuq konformità ta' attestazzjoni ta' approvazzjoni tad-disinn ma' speċifikazzjonijiet speċifiċi ta' ajrunavigabbiltà (SAS) maħruġin mill-Aġenzija għall-każ speċifiku:*
Dan huwa maħsub għal ajruplani individwali li għal raġuni jew oħra ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà applikabbli, iżda li għalihom, madankollu, ma tistax tiġi żgurata sigurtà adegwata permezz ta' restrizzjonijiet, limitazzjonijiet u miżuri ta' taffija oħrajn. L-eżempji li għalihom din l-għażla tintuża llum huma ajruplani mingħajr detentur ta' TC attiv (ajruplan 'orfni') u ajruplani iddisinjati fl-ex Unjoni Sovjetika li għalihom, l-Aġenzija tkun (għadha)

ma ħarġitx TC. Qegħdin jiġu proposti dispożizzjonijiet ġodda għal trasferiment faċli ta' ajruplan minn CoA normali għal R-CoA fil-każ li t-tip isir 'orfni'.

Din l-opinjoni tbassar li tiżdied tielet għażla:

- *R-CoA ibbażat fuq TC u ċertifikat tat-tip supplimentali ristrett (R-STC):*
Dan huwa maħsub għal ajruplani li diġà għandhom ċertifikat normali ta' ajrunavigabbiltà (CoA) ibbażat fuq TC normali, iżda li huma mmodifikati għal għan speċjali bħall-ewwel każ t'hawn fuq. Mingħajr din l-għażla l-ġdida, l-uniku mod kif il-modifikaturi ta' ajruplan għal għanijiet speċjali jistgħu jiksbu approvazzjoni jkun li japplikaw għal R-TC sħiħ ġdid. Ir-responsabbiltà assoċjata għad-disinn sħiħ tal-ajruplan normalment tmur 'l hinn mill-kapaċità tal-modifikatur u ma tkunx konsistenti mal-mod li modifikazzjonijiet "normali" tal-ajruplan jiġu ttrattati skont Subparti E.

IV. Valutazzjoni tal-Impatt Regulatorju

16. L-emenda hija mistennija li jkollha impatt pożittiv moderat fuq is-sigurtà, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-għan prinċipali tal-azzjoni regulatorja huwa li fir-rekwiżiti tiġi riflessa l-prattika attwali tal-Aġenzija u Prattika Preċedenti fl-Istati Membri.
Għal ajruplan orfni, ir-responsabbiltajiet tal-atturi varji jkun ddefiniti b'mod aktar ċar u dan jippermetti sorveljanza aktar effiċjenti. Dan huwa mistenni li jikkontribwixxi għal sigurtà mtejba.
Għall-ajruplani tal-ex Unjoni Sovjetika, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' speċifikazzjonijiet speċifiċi tal-ajrunavigabbiltà mill-Aġenzija jiżguraw livell ta' sigurtà bażiku u konsistenti. It-tipi ta' ajruplani li jgħaddu mit-test tal-konformità ma' dawk tal-SAS biss jistgħu jkomplu joperaw skont R-CoA. Dan ukoll huwa mistenni li jikkontribwixxi għal sigurtà mtejba.
17. L-impatt ekonomiku ġenerali tal-emenda huwa mistenni li jkun wieħed pożittiv.
L-ajruplani kollha kkonċernati jeħtieġu xi forma ta' ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà u fil-każijiet kollha, hija meħtieġa approvazzjoni tad-disinn mill-Aġenzija segwita minn determinazzjoni tal-konformità mill-Istat Membru tar-Reġistru. Dan ifisser li l-ħlasijiet u d-drittijiet relatati mal-involvement tal-awtorità sejrini ikunu simili għall-għażliet varji.
Il-bidla awtomatika u kważi awtomatika minn kategorija ta' ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà għal ajruplan orfni sejra tneħħi ċertu piż amministrattiv u għaldaqstant se jkollha impatt ekonomiku pożittiv. Il-bidla fil-kategorija ta' ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà għal ajruplan orfni u tal-ex Unjoni Sovjetika u l-bidla possibbli fl-operazzjonijiet permessi għal dawn l-ajruplani hija l-konsegwenza tar-rekwiżiti li diġà jeżistu u mhijiex affettwata mill-emenda.
Il-miżuri proposti sabiex jevitaw li tipi ta' ajruplani jsiru orfni sejrini ikollhom impatt ekonomiku pożittiv minħabba li detenturi ta' TC sejrini ikunu jistgħu jżommu t-TC tagħhom b'mezzi relattivament sempliċi; b'hekk, l-aktar vulnerabbli minn dawn id-detenturi ta' TC ikunu jistgħu jibqgħu fin-negozju.
Il-possibbiltà l-ġdida ta' R-STC hija mistennija li jkollha impatt ekonomiku pożittiv moderat. Tippermetti lill-modifikaturi ta' ajruplani sabiex jillimitaw l-isforzi ta' konformità tagħhom għad-disinn mibdul biss minflok li jkollhom japplikaw għal R-TC ġdid għal kollox, bil-ħtieġa li juru konformità għall-ajruplan sħiħ mal-aktar rekwiżiti reċenti.
18. Ugwaljanza u ġustizzja f'termini ta' distribuzzjoni ta' impatti pożittivi u negattivi fost is-setturi kkonċernati: Ħafna mill-impatti jaffettwaw biss settur relattivament żgħir tal-komunità tal-avjazzjoni. Madankollu, dan huwa konsegwenza loġika tas-suġġett li qiegħed jiġi indirizzat b'din l-NPA: R-CoAs jinħarġu biss għal ajruplani b'għanijiet speċjali jew għal ajruplani li ma jistgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà kollha għal raġunijiet oħrajn. Għaldaqstant, huwa inevitabbli li numru limitat biss ta' entitajiet jibbenefikaw mill-emenda.

Cologne, 7 ta' Diċembru 2009

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv